**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 8 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1174/01 AJD**

**Sharon Causon**

**vs**

**Fabio Axisa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm1480.00), rappresentanti l-valur ta' rigali moghtija mill-attrici lill-konvenut kif ukoll spejjez sburzjati mill-attrici tul l-gherusija mal-konvenut, liema gherusija giet imhassra unilateralment, ingustament u bla ebda raguni valida mill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Awissu, 2001, u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti:-
1. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet ma kienux ghamlu promessa ta' zwieg lil xulxin u ghalhekk ir-relazzjoni taghhom ma tistax tigi regolata b'mod daqs li kieku din it-talba tirrelata ma' resiliment ta' sponsali;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut taha diversi rigali lill-

attrici li l-valur taghhom jissupera dak pretiz mill-attrici, u ghalhekk jeccepixxi l-kompensazzjoni.

Sema' x-xhieda tal-attrici, ta' Leslie Causon u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tal-affidavit ta' Ian Causon prezentat mill-attrici.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet. Ha konjizzjoni taccirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:
1. Illi l-partijiet kienu ilhom gharajjes madwar sitt snin u nofs u kienu ffissaw id-data tat-tieg ghal Ottubru 2001, izda ghal bidu tas-sena 2001 il-konvenut ittermina r-relazzjoni tieghu mal-attrici.

2. Illi l-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghi jeccepixxi li l-partijiet ma kienux ghamlu promessa taz-zwieg u ghalhekk ir-relazzjoni taghhom ma tistax tigi regolata b'mod daqs li kieku din it-talba tirrelata ma' resiliment ta' sponsali.

3. Illi huwa minnu li mill-provi rrizulta li bejn il-partijiet ma kienx hemm promessa formali taz-zwieg, izda f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghal sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-1 ta' Gunju, 1988, fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Mifsud et noe vs Emanuel Mangion', fejn il-Qorti stabbiliet li "huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li oltre ghall-azzjoni derivanti mir-reziliment ingust ta' l-gherusija bbazata fuq il-Proklama VI ta' 1834 hemm ukoll azzjoni ghad-danni bbazata fuq il-principju generali ta' l-obbligazzjonijiet". M'hemm ebda dubju li l-konvenut kien obbliga ruhu li jizzewweg lill-attrici ghalkemm il-promessa ma saritx b'mod formali. Jidher li d-decizjoni ta' meta kellha tkun id-data tat-tieg ma ttiehditx unilateralment mill-attrici u ghalkemm l-istess attrici hadet hsieb il-preparamenti tat-tieg, il-konvenut kien a konoxxenza tal-fatt li kienu qed isiru dawn il-preparamenti izda nonostante cio' ma ghamel ebda tentattiv sabiex iwaqqafhom. Il-kunsens tal-konvenut ghad-decizjoni li jsir iz-zwieg bejn il-partijiet f'Ottubru, 2001, indubbjament inghatat mill-istess konvenut u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

4. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut jikkontendi li r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici. Fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Marzu, 2002 (a fol. 53 et seq tal-process), il-konvenut jghid li tul l-ahhar sentejn jew tlett snin tal-gherusija bdew jinqalghu certu problemi u l-attrici kienet a konoxxenza ta' dawn il-problemi. Dejjem skond il-konvenut, kienet il-persistenza ta' dawn il-problemi li finalment gaghluh jittermina r-relazzjoni tieghu mal-attrici. Il-konvenut qatt

ma amplifika b'mod adegwat x'kienu dawn il-problemi ghalkemm alluda li kienu jezistu problemi ta' natura medika fil-familja tal-attrici li skond hu setghu jaffetwaw ir-relazzjoni tieghu mal-attrici. Ghalkemm it-Tribunal zgombra l-awla waqt id-deposizzjoni tal-konvenut, huwa xorta ma specifikax adegwatament x'kienet ezattament in-natura ta' dawn il-problemi u x'konsegwenza seta' jkollhom fuq ir-relazzjoni tieghu mal-attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ittermina r-relazzjoni mal-attrici ghaliex hass li ma kienx tajjeb ghaz-zwieg. Jekk il-konvenut kien a konoxxenza tal-problemi ezistenti fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u jekk huwa rritjena li dawn il-problemi kienu ser jimpingu fuq ir-relazzjoni futura tieghu mal-attrici, huwa ma messux ipproceda billi jiffissa d-data tat-tieg u ma messux ta l-kunsens tieghu lill-attrici sabiex taghmel il-preparamenti ghat-tieg billi thallas id-depoziti relattivi ghas-sala, lbies ecc.. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghal din ir-raguni il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-ammont ta' seba' mija u sittax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm716.50) li hija hallset ghall-preparamenti tat-tieg.

5. Illi oltre dan l-ammont ta' seba' mija u sittax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm716.50), l-attrici qed titlob ukoll ir-rifuzjoni ta' seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm763.50). Hija esibiet prospett (a fol. 21 u 22) fejn hija elenkat serie ta' ammonti li harget ghan-nom tal-konvenut bhal per ezempju hlas tal-assikurazzjoni fuq il-vettura tal-konvenut, xiri ta' 'contact lenses' ghall-konvenut. Huwa minnu li l-attrici esebiet ic-cekkijiet relattivi ghal dawn il-pagamenti, izda hija ma rnexxiliex tipprova soddisfacentement li hija hallset dawn l-ammonti ad inkarigu tal-konvenut. Inoltre l-konvenut xehed li f'dawk l-okkazzjonijiet fejn l-attrici harget xi flus ghan-nom tieghu minhabba l-fatt li ma kellux 'cheque book', huwa dejjem irrifonda dawn l-ammonti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' seba' mija u sittax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm716.50) bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**